**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

ILLUM 22 TA' APRIL, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs.**

**Obaid Alsaleh detentur tal-permess ta' residenza Griega bin-numru P00616974 u detentur tan-Numru tar-Refcom 30031**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Obaid Alsaleh ta' 21 sena, iben Awad u Maria nee' Diab, imwieled fil-5 ta' Jannar 2001 ġewwa Homs, Syria, detentur tal-Permess ta' residenza Griega bin-numru P 00616974 u detentur tan-numru tar-Refcom 30031 u residenti 20 Trejqet Sant'Anna, Hamrun** akkuzat:

1. Talli fit-3 ta' Dicembru 2021 għal ħabta ta' bejn 17:30Hrs u 18:00Hrs ta' filgħaxija ġewwa binja fi Triq il-Kapuccini, l-Marsa, ikkommetta flimkien ma' persuna oħra, serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' George Xerri, li huwa anzjan ta' wieħed u sebgħin sena (71), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess George Xerri.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu car, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' George Xerri li huwa anzjan ta' wieħed u sebgħin sena (71), liema

ħsara hija ta’ natura ħafifa hekk kif iccertifikat minn Dr David Barbara detentur ta’ numru tar-reġistru mediku 4686 tac-Centru tas-Saħħa tal-Floriana.

3. Talli fit-6 ta’ Dicembru 2021 għal ħabta ta’ bejn 14:00Hrs u 14:30Hrs ġewwa Triq San Gejtanu, ikkommetta flimkien ma’ persuna oħra, serq ta’ mobile phone minn fuq il-persuna ta’ Charles Farrugia, li huwa anzjan ta’ erbgħa u sittin sena (64), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur għad-dannu ta’ l-istess Charles Farrugia u / jew persuni oħra.

4. Fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta’ sentenza sospiza mogħtija fil-konfront tiegħu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Maġistrat Dr. Ian Farrugia LL.D datata 16 ta’ Gunju 2021.

5. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-artikoli 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tat-12 ta’ Jannar 2022, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Rat it-talba tad-difiza waqt is-seduta tat-12 ta’ Jannar 2022 sabiex jigi mhejji *pre-sentencing report* liema talba ma kienetx opposta mill-prosekuzzjoni u giet milqugha mill-Qorti.

Rat ir-rapport tal-***Probation Officer*** **Mary Rose Farrugia** esebit waqt is-seduta tal-14 ta’ Marzu 2022 u mmarkat bhala **Dok MRF 1** u semghet ix-xhieda tal-istess Probation Officer fis-seduta tat-8 ta’ April 2022.

Semgħet, waqt is-seduta tat-8 ta’ April 2022, trattazzjoni mill-ufficjal prosekutur u mid-difiza.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

***Ikkunsidrat***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fedina penali tal-imputat (Dok. "LZ 2") u kif ukoll il-*pre-sentencing report* (Dok MRF 1). L-imputat li ghandu problema ta' abbuz ta' droga sa mill-ewwel wera li jiddispjacih tar-reat kommess u talab maħfra ta' għemilu. L-ufficjal tal-probation irrakkomandat li l-imputat jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva u li hu rakkomandat li jkun hemm ukoll Ordni ta' Trattament sabiex ikomplu jkunu indirizzati l-problemi tal-imputat bhal dik ta' rabja u tal-abbuz mid-droga kannabis sintetika. Din il-Qorti taqbel ma' tali rakkomandazzjoni u tqis li ghandha wkoll tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(a) (b) (c) (f), 262(1)(a), 263(b), 267, 270, 274(c), 276A, 277(b), 17(h), 279(a), 280(2), 214, 215, 221(1), 278(2), 257D(1)(b), 28B, 49, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Obaid Alsaleh** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u in kwantu ghar-raba imputazzjoni, b'applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta' subinciz 2 ta' l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghar-raginijiet fuq gja indikati, l-Qorti qeda testendi l-perjodu operattiv tas-sentejn prigunerija imposti bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Ian Farrugia, fis-16 ta' Gunju 2021 ghal perjodu ta' erba' (4) snin mill-llum, filwaqt li ghall-kumplament tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha l-Qorti qeda tikkundannaħ ghal piena komplessiva ta' erba' u ħamsin (54) xahar priġunerija effettiva.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-Art. 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn fuq il-ħati sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u tkun indirizzata l-problema ta' rabja tieghu.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' erba' snin fuq indikat.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation sabiex tigi attwata l-Ordni ta' Trattament imposta b'din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Dr. Noel Bartolo**
**Maġistrat**

Mario Spiteri - Deputat Reġistratur